MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 396/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Raymond Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-

f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' hdax-il elf, seba' mija w hamsa w tletin

lira Maltin u tmenin centezmu (Lm11, 735.80) ghad-dannu ta’ W&M Zammit Tabona Ltd., operaturi tal-lukanda Fortina Spa Resort;

fl-istess perijodu w cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe ffalsifika diversi *invoices*;

fl-istess perijodu w cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, w cioe’ ghamel uzu minn diversi *invoices* iffalsifikati;

fl-istess perijodu w cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

fl-istess perijodu w cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

fl-istess perijodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe’ diversi *invoices* iffalsifikati;

f’dawn il-Gzejjer, f’Marzu tas-sena 2006, bil-hsieb li jaghmel qliegh b’qerq ta’ elf mitejn u erbatax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1214.20) ghad-dannu ta’ W&M Zammit Tabona Ltd., operaturi tal-lukanda Fortina Spa Resort, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 t’Ottubru , 2009, li biha, fuq l-istess ammissjoni tieghu, sabet lill-appellat hati skond l-

akkuza w wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184, 187, 189, 28A u 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn waqt li ordnat il-hrug ta' Compensation Order fis-somma ta' hamsa w ghoxrin elf, tmien mija w sebgha w tletin Euro w sitt centezmi (€25,837.06) liema somma tirraprezenta bilanc ta' somma aqwa w cioe' s-somma ta' sebgha w ghoxrin elf, tlett mija w sebgha w tletin Euro w sitt centezmi (€27,337.06) (ekwivalenti ghal LM 11,735.80) li minnhom tnaqqas €1500 li l-appellat hallas fil-mori tal-kawza. L-ammont inkorporat fil-Compensation Order fuq imsemmija trid tigi mhallsa fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija kontra l-appellat u thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti applikat il-piena w wara tinfliggi kontra l-appellat il-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti, filli l-Ewwel Qorti erogat piena taht il-minimum preskritt mill-ligi fil-konfront tal-appellat.

Rat il-verbal tal-appellat li bih iddikjara li hu ma hallas xejn aktar fil-mori tal-appell oltre dak li jidher fis-sentenza appellata.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell li jirrigwarda biss il-piena, ossia l-provvediment ta' sentenza ta' prigunerija sospiza emanat mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat. Issa, kif dejjem gie ritenut, din il-Qorti t' appell ma tiddisturbax u ma

tvarjax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti dment li din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament eccessiva jew mitigate izzejjed (*unduly lenient*). F’ dan il-kaz l-Avukat Generali qed jissottometti li l-piena ma setghetx tkun wahda ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza ghax bir-regoli tal-komputazzjoni tal-pieni w tal-konkors tal-pieni, l-piena li nghatat hija taht il-minimum preskritt mill-ligi w l-inqas piena talvolta erogabbli kienet taqbez is-sentejn prigunerija w ghalhekk skond il-ligi ma setax jigi applikat dan il-provvedment.

L-Avukat Generali jissottometti li skond l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali l-piena ghar-reat ta’ falsifikazzjoni ta’ atti pubblici, kummercjali jew ta’ bank privat kontemplata fit-tieni imputazzjoni hija dik minn tlettax il-xahar sa erba snin. F’ dan l-Avukat Generali hu korrett u ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet teroga piena taht il-minimu kif ghamlet meta kkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ tnax il-xahar prigunerija sospiza ghall-sentejn.

L-appellant umbaghad jghid li bil-konkors ta’ dar-reat mar-reati l-ohra li tahthom instab hati l-appellat u cioe’ dawk kontemplati fl-artikoli 308 (frodi b’ eghmil qarrieqi skond l-ewwel imputazzjoni ), 309, (tentattiv ta’ frodi innominata skond l-ahhar imputazzjoni ), 310 (l-artikolu li jirregola l-iskala tal-pieni fil-kaz ta’ dawn l-ahhar zewg reati) 184, uzu xjenti ta’ kitba jew skrittura falza kontemplata fit-tielet imputazzjoni ), 187 (falsifikazzjoni ta’ skrittura privata w uzu tal-istess kontemplati fir-raba’ w l-hames imputazzjoni ), 189 (falsifikazzjoni ta’ w l-uzu minn xi dokument iehor falsifikat kontemplat fis-sitt imputazzjoni) l-piena komplessiva minima kienet teccedi s-sentejn prigunerija w ghalhekk ma setghax jigi applikat l-artikolu 28A.

Issa l-piena minima ghar-reat ta’ frodi b’ eghmil qarrieqi meta l-ammont tal-hsara maghmul mill-hati huwa aktar minn Ewro 2329.37 hija dik ta’ prigunerija minn 13 il-xahar sa seba’ snin. Jekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) wiehed izid terz (1/3) tal-minimum ta’ tlettax il-xahar prigunerija w cioe’ erba xhur u ghaxart ijiem, jigi li mal-piena gja fuq imsemmija irid izid dan it-terminu w hekk il-piena minima titla’ ghal wahda ta’ sbatax il-xahar u

ghaxart ijiem. L-istess ghall-imputazzjoni ta' falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat, fejn ukoll l-inqas piena hi dik ta' tlettax il-xahar prigunerija, wiehed ikun irid izid terz iehor ta' din l-inqas piena w cioe' erba xhur u ghaxart ijiem ohra. Hekk it-total tal-inqas piena possibbli w erogabbli jerga' jitla' ghal wiehed u ghoxrin xahar u ghoxrin jum prigunerija. Ma dawn iridu jergghu jizdiedu erba xhur u ghaxat ijiem ohra ghar-reat tal-uzu xjenti tad-dokument falsifikat u t-total minimu issa jitla' ghal sitta w ghoxrin xahar. Hawn diga' jkun inqabez il-parametru ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija li ghalih tista' tinghata sentenza sospiza. Dan minghajr ma jitqiesu z-ziediet l-ohra ghall-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet li jkomplu jzidu l-inqas piena possibbli li setghet tinghata.

Di piu', jghid l-appellant, li l-Ewwel Qorti kellha kaz ta' reat kontinwat fejn allura setghet izzid il-piena bi grad jew tnejn skond l-artikolu 18 tal-istess Kodici, ghalkemm tali zieda hija fakoltattiva w l-Qorti ma hix marbuta li tapplikaha.

Ghalhekk jidher manifest li l-Ewwel Qorti hadet zball grossolan fil-komputazzjoni tal-piena.

Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali hu pjenament gustifikat u qed jigi akkolt.

Jibqa' pero' issa li din il-Qorti teroga hi l-piena jew provvediment xieraq ghall-htija ammessa mill-appellat u li taghha hu nstab hati mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi meta applikat zbaljatament il-piena tas-sentenza sospiza, l-Ewwel Qorti applikat il-provvediment kontemplat fl-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali w inkludiet f' dik l-ordni direttiva li biha obbligat lill-appellat li jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga li hu akkwista bi frodi jew bi qliegh iehor kontra l-ligi w precizament l-ammont ta' Ewro 25,837.06c, liema somma kienet tirraprezenta bilanc ta' somma akbar u cioe' Ewro 27,337.06c, fi zmien sitt xhur.

Mhux eskluz li l-Ewwel Qorti applikat il-provvediment tas-sentenza sospiza biex tkun tista’ umbaghad timponi din id-direttiva tar-restituzzjoni kif fuq intqal.

Pero’, l-istess ghan seta’ jintlahaq bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta w cioe l-Att dwar il-Probation. Ghalkemm, stante li l-minimum tal-piena karcerarja possibbli kien jaqbez is-sentejn prigunerija, l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-provvedment tas-sentenza sospiza, ma kienet bl-ebda mod impeduta milli tapplika xi provvediment taht il-Kap. 446. Dan peress li skond l-artikolu 7 (2) (a) tal-Kap. 446 dan l-Att hu applikabbli fejn ir-reat li tieghu tinstab htija ma jkunx punibbli bi prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn seba’ snin u, sahansitra f’ certi kazi, ghal zmien li jeccedi s-seba’ snin izda mhux aktar minn ghaxar snin, skond il-proviso tal-istess sub-sub-artikolu. U fil-fatt ebda wiehed mir-reati ammessi mill-appellat mehuda *uti singoli* ma huma punibbli b’ aktar minn seba’ snin prigunerija.

Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata tal-appellat u ghalkemm jirrizulta li l-appellat instab hati ta’ numru sostanzjali ta’ reati, dawn fil-bicca l-kbira taghhom huma reati ta’ natura amministrattiva konnessi max-xoghol tieghu ta’ bejjiegh (*hawker*) jew mat-traffiku jew reati ta’ natura kontravvenzjionali.  Insomma ma jirrizultax li l-appellat hu xi kriminal inkallit jew li hu “*beyond redemption*”.

Meta qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom l-ammissjoni bikrija, din il-Qorti tqis li f’ dan il-kaz is-sentenza, aktar milli tippunixxi lill-appellat b’ terminu ta’ prigunerija effettiva, ghandha l-ewwel u qabel kollox tassikura l-hlas lura lil *parte civile* ta’ kull bilanc li ghadu s’ issa dovut. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li aktar hu indikat li l-appellat jitpogga taht *probation* b’ ordni u impozizzjoni ta’ kondizzjoni ghall-hlas tad-danni minnu kagjonati. Umbaghad, jekk ikun hemm bzonn, tirrikorri ghall-sentenza ta’ prigunerija effettiva jekk l-appellat ma jhallasx dak minnu dovut jew jikser xi kondizzjoni ohra tal-Ordni ta’ *Probation* infraskritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w minnu ammessi w tirrevokaha fejn, bl-applikazzjoni tal-art. 28A u 28H, ikkundannat lill-appellat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u fejn ordnat il-hrug ta' Compensation Order fis-somma ta' hamsa w ghoxrin elf, tmin mija w sebgha w teletin Ewro punt sitt centezmi (€25,837.06c.), liema somma kienet tirraprezenta bilanc ta' somma akbar ta' sebgha w ghoxrin elf, tlitt mija w sebgha w tletin Ewro punt sitt centezmi (€27,337.06c) (ekwivalenti ghal LM11,735.80c), li minnhom tnaqqas 1,500 Euro li l-imputat hallas fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, u liema ammont kellu jithallas fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata w minnflok, a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap.446, qed taghmel Ordni ta' *Probation* u tordna li l-appellat jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal zmien tlitt (3) snin mill-lum taht il-kondizzjonijiet li jidhru fl-Ordni ta' *Probation* anness ma din is-sentenza w, senjatament fosthom, qed tordna a tenur tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 lill-appellat li, fi zmien sitt (6) xhur mill-lum, ihallas lis-socjeta' W & M Zammit Tabona Limited, operaturi tal-lukanda Fortina Spa Resort, is-somma bilancjali illum rizultanti ta' Ewro 25,837.06c bilanc ta' somma akbar b' kumpens ghat-telfien li hija sofriet bhala rizultat tal-agir kriminuz tal-appellat.

Il-Qorti qeghdha tirrizerva minn issa stess li tittratta mal-appellat ghar-reati kollha li taghhom instab hati jekk l-ufficjal tal-*probation* igib a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-icken ksur tal-kondizzjonijiet li qed jigu imposti fl-Ordni tal-*Probation* u b' mod specjali in-nuqqas ta' hlas tas-somma fuq imsemmija sal-10 ta' Gunju, 2010.

Il-Qorti qed tfisser lill-appellat bi kliem li huwa jifhem x' inhuma l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* infraskitt u li jekk hu jonqos li jikkonforma ruhu mieghu, jew jaghmel xi reat iehor jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab hati.

**QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR. JOSEPH GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

**ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)**

**IL-QORTI**

Billi Raymond Borg hawnhekk izjed 'l quddiem imsejjah "il-hati", gie llum misjub hati

1) Ta' frodi b' eghmil qarrieqi;
2) li ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali;
3) li xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
4) li ghamel falsifikazzjoni ta' skrittura privata;
5) li xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza;
6) li ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat, u
7) li kkommetta tentattiv ta' frodi innominata

U billi l-Qorti jidrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reati u l-kondotta tal-hati, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta' Probation.

U billi fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni (inkluza l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tlitt snin,** ikun jista' jigi kkundannat ghar-reati li ghalihom qeghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta' din il-Qorti.

Ghalhekk tordna li **Raymond Borg,** residenti 139, Triq il-Kbira, Birkirkara w detentur tal-Karta tal-Identita' numru 63660(M) ikun ghal perjodu ta' **tlitt snin**, mid-data ta' din l-Ordni, taht is-sorveljanza tad-**Direttur tas-Servizzi tal-Probation**, u tordna wkoll li l-hati, ghall-perjodu fuq imsemmi, ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. li huwa ghandu jgib ruhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija;
2. li huwa ghandu jgharraf minnufih lill-ufficjal tal-Probation b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol tieghu;
3. li huwa ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi li jinghataw, minn zmien ghall-iehor, mill-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjara tal-istess Ufficjal tal-Probation fid-dar tieghu;
4. li sa mhux aktar tard mill-10 ta' Gunju, 2010 ihallas lis-socjeta' W & M Zammit Tabona Limited is-somma ta' Euro 25,837.06c in linea ta' kumpens tal-hsara lilha kagjonata bl-agir kriminuz tieghu.
5. li ma jikkommettix reat iehor tul il-periodu ta' tlitt (3) snin mil-lum.
6. L-ufficjal tal-Probation ghandu minnufieh igib a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-inqas ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet b' Nota malli jsir jaf bihom u fil-11 ta' Gunju, 2010 irid jinforma lill-Qorti jekk il-hlas hawn fuq ordnat ikunx sar sal-jum ta' qabel.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------